MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1154/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Mariella Vassallo**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta’ Mejju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ tlett mija tmienja u tmenin Liri Maltin u zewg centezmi (Lm388.02) liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni man-numru tat-telefon 21221275 (klijent numru 1032666) u liema servizz gie installat fil-fond Block L, Flat 5, Triq Giovanni Barbara, Hamrun.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadmepjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-3 ta’ Gunju 2002 meta kien sar l-ahhar pagament u bil-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija tmienja u tmenin Liri Maltin u zewg centezmi (Lm388.02), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------